*kif mogħti lilu minn Spiridione Buhagiar, bin Grezzju*

# Grezzju Buhagiar *(1902-1973)*



**Grezzju Buhagiar** twieled is-Siġġiewi fid-9 ta' Marzu ta' l-1902.

Fis-snin għoxrin tgħallem il-mużika mis-Surmast Carmelo Mallia u wara li ħa t-tagħlim meħtieġ fl-użu ta' l-istrument mużikali – il-kornu – beda jdoqq mal-Banda San Nikola. Meta spiċċa minn bandist, huwa ta lill-każin il-kornu, li kien l-istrument mużikali tiegħu.

Grezzju kien dilettant kbir tal-logħob tan-nar, kemm ta' l-art kif ukoll ta' ajru. L-esperjenza f'dan id-delizzju ħadha meta kien jaħdem ma' l-espert Taljan, il-Professur Filippo Gaffarelli.



Grezzju kien ukoll magħruf ħafna għax-xogħol tal-maskli li fl-antik kienu jintużaw ħafna. Kellu sehem kbir f'din l-arti għall-festa ta' San Nikola tax-xitwa fis-6 ta' Diċembru u laħaq ukoll meta l-festa kienet bdiet issir fis-sajf. Hawn ta' min ifakkar li ħu Grezzju, li kien jismu Żarenu, kien tilef ħajtu meta kellu biss għaxar snin, f'inċident fil-kamra tan-nar magħrufa bħala *Il-Kamra ta' Pawlu Tonna.*

Ta' ħmistax-il sena, Grezzju beda jitħarreġ fix-xogħol tal-ġebla. Huwa ħadem ma' l-imgħallem Pietru Mallia fil-bini tal-koppla preżenti tal-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi. Ta' min jgħid li s-salib antik li kien hemm fuq il-lanterna tal-koppla kien ħadmu u qiegħdu huwa stess f'Novembru ta' l-1917.




Għax-xogħol tal-koppla kienu jitilgħu bil-ħbula u bi slielem tal-ħbula. Dan ix-xogħol għamlu f'ħafna knejjes u f'postijiet pubbliċi. L-esperjenza tiegħu f'dan ix-xogħol għaddieha wkoll lil ħafna żgħażagħ.

Il-familja Buhagiar kellhom bandalora bl-ittri V.S.N., li kienet l-ewwel waħda b'dawn l-ittri, u din ġiet ippreżentata lill-każin ta' l-istess banda minn Spridione Buhagiar, bin Grezzju nnifsu, meta l-mibki Ninu Mallia kien President tas-Soċjetà Bandistika.

GREZZJU kien il-parrinu tal-Magħmudija u tal-Griżma tal-mibki l-ex-President tal-Banda San Nikola – it-Tabib Kalċidon Zammit.

**Grezzju Buhagiar** miet fil-31 ta' Ottubru, 1973.